# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 30 ta' April 2024**

**Kawża Numru: 3**
**Rikors Guramentat Numru:- 518/2016 JVC**

**Alfred Cilia (K.I. 504854M)**

**vs**

**Michelina l-armla ta' Philip Cilia, Alessia u Anabella ahwa Cilia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti Alfred Cilia li jaqra kif isegwi:

**'Dikjarazzjoni dwar l-Oggett u l-Fatti tal-Kawza**

1. Illi r-rikorrenti u l-mejjet Philip Cilia huma ulied id-defunti Emmanuele u Francesca konjugi Cilia;
2. Illi l-intimata Michelina Cilia hija l-armla tal-imsemmi Philip Cilia waqt li l-intimati Alessia u Anabella ahwa Cilia huma ulied l-imsemmi Philip Cilia;

3. Illi l-eredita' tad-defunt Emmanuele u Francesca, konjugi Cilia, hija regolata b'testment pubblikat min-nutar Dr Jeannette Laferla tad-9 ta' Mejju 1986 (Dokument anness u mmarkat bhala **Dokument A**);

4. Illi permezz tal-imsemmi testment id-defunti konjugi Cilia nnominaw lil hames uliedhom, fosthom ir-rikorrenti u l-mejjet Philip Cilia, bhala l-eredi universali u dan fi kwoti ndaqs bejniethom;

5. Illi permezz ta' l-imsemmi testment il-kontendenti, jippossjedu indivizament bejniethom mat-tlett huthom l-ohra, ghelieqi li jinsabu fil-limiti tal-Hrieri, maghrufa ukoll bhala fil-kontrada tal-Giza, f'Haz-Zebbug (Dokument anness u mmarkat bhala **Dokument B)**;

6. Illi missier il-partijiet kien qasam l-art in kwistjoni f'hames partijiet u ta' parti lil kull wild tieghu, liema tfal qablu u accettaw il-porzjonijiet taghhom hekk kif jidher fl-anness pjanta **Dokument C,** ossia l-parti mir-raba mmarkat bil-kulur ahmar tappartjeni- lil Alfred Cilia, ir-raba mmarkat bil-kulur kannella jappartjeni lil Josephine sive Jessie Muscat , il-parti mmarkata bil-blu tappartjeni lil Mary Bonnici, il-parti mmarkata bl-ahdar tappartjeni lil Charlie Cilia, u l-parti mmarkata bil-kafelatte tappartjeni lil Philip Cilia jew ossia issa, lill-eredi tieghu, l-intimati msemmija**;**

7. Illi għalkemm il-kontendenti qablu fuq l-assenjazzjoni ta' kull biċċa raba hekk kif fuq jissemma', huma ma waslux sabiex jieħdu l-passi kollha legali neċessarji sabiex jaqsmu bejniethom l-imsemmija raba formanti parti mill-assi ereditarji tad-defunti ġenituri tagħhom, u dan minħabba l-fatt li wara l-mewt ta' Philip Cilia beda' jinqala' ħafna nkwiet u dan għal raġunijiet unikament imputabbli lill-intimati;

8. Illi fil-fatt l-esponenti nduna li nhar is-7 ta' Ġunju, 2016 jew fil-jiem ta' qabel, l-intimati b'mod klandestin, vjolenti u abbużiv, installaw grada kbira tal-ħadid sabiex l-esponenti jiġi mbarrat milli jaċċedi u jidħol fl-għelieqi tiegħu kif ukoll sabiex huwa jiġi prekluż mit-tgawdija tal-istess (Dokument anness u mmakrat bħala **Dokument D**);

9. Illi fl-istess ħin l-intimati qabbdu u illegalment qaċċtu l-ħaxix tal-wiċċ tal-għelieqi msemmija u dan b'dannu u preġudizzju għall-esponenti;

10. Illi dan sar bl-iskop li l-intimati jikkaparaw għalihom l-imsemmija għelieqi billi illegalment u abbużivament jiżviluppaw l-istess a skapitu tal-esponenti;

11. Illi fil-fatt, nhar it-13 ta' Ġunju, 2016, l-esponenti għamel kwerela uffiċjali mal-Pulizija sabiex l-istess jinvestigaw u jipprosegwixxu kontra l-intimati jew min minnhom (Dokument anness u mmarkat bħala **Dokument E**);

**Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri**

12. Illi l-intimati klandestinament u kontra r-rieda tal-esponenti mbarraw l-access lir-rikorrenti ghall-ghelieqi proprjeta' tieghu u b'konsegwenza cahhduh mill-pussess u mit-tgawdija ta' dawn l-ghelieqi;

13. Illi b'hekk l-intimati wettqu spoll vjolenti u klandestin kontra r-rikorrenti;

14. Illi ghalhekk kellha tinfetah din il-kawza;

15. Illi r-rikorrenti jiddikjaraw li jafu b'dawn il-fatti personalment;

**Talbiet**

Jghid ghalhekk ir-rikorrenti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimati wettqu spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrenti meta cahhduh, ostakolawh u naqqsulu l-pussess u t-tgawdija tal-ghelieqi tieghu, liema ghelieqi jinsabu fil-limiti tal-Hrieri, maghrufa ukoll bhala fil-kontrada tal-Giza, gewwa Haz-Zebbug u dan permezz tal-installar tal-grada u tax-xogholijiet fuq imsemmija;

2. Tordna lill-intimati sabiex, entro terminu qasir u perentorju minnha prefiss, jirreintegraw lir-rikorrenti fil-pussess u fit-tgawdija tieghu tal-imsemmiha ghelieqi, billi jirrimwovu, jnehhu, jirrimedjaw, jsewwu u/jew jirripristinaw l-ghelieqi suggetti ta' din il-kawza ghall-istat taghhom qabel l-abbuzi,

okkorendo prevja l-opera ta' *periti nominandi,* u b'mod partikolari;

2.1 Tordna lil-intimati sabiex, fi zmien qasir u perentorju, inehhu l-istruttura tal-hadid u/jew ta' materjal iehor, ossia l-grada, illi huma wahhlu mal-entratura tal-ghelieqi msemmija b'tali mod li r-rikorrenti jkollu access liberu ghall-istess u jkun jista' jaghmel uzu mill-jeddijiet kollha tieghu skond il-ligi;

2.2 Tordna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju, jaghmlu dak kollu necessarju sabiex jirripristinaw l-ghelieqi in kwistjoni fejn huma qacctu l-wicc tal-imsemmija ghelieqi u biex jaghmlu dak kollu mehtieg sabiex ma tkomplix tigi perikolata s-sahha tal-ghelieqi minhabba x-xogholijiet minnhom maghmula;

2.3 Tordna lill-intimati sabiex, fi zmien qasir u perentorju, jiddesistu milli jkomplu jaghmlu uzu mill-ghelieqi in kwistjoni u/jew jwettqu xi tip ta' zvilupp fuq l-istess;

3. Tinibixxi lill-intimati milli jaghmlu jew ikomplu jaghmlu xogholijiet fl-ghelieqi tar-rikorrenti liema xogholijiet huma lezivi tad-drittijiet propretarji u possessorji tar-rikorrenti;

4. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex, fl-eventwalita' li l-intimati jonqsu milli jottemporaw ruhhom ma' l-ordni ghar-reintegrazzjoni tar-rikorrenti fl-pussess tieghu fit-terminu lilhom prefiss, kif ukoll fl-eventwalita' li l-intimati bl-istess mod jonqsu milli jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha rimedjali u necessarji ghall-fini tat-talbiet kollha, l-istess rikorrenti jezegwixxi u jaghmrl l-atti jew ix-xogholijiet kollha

necessarji u rimedjali ghall-fini tat-talbiet kollha, okkorendo taht is-sorveljanza ta' *periti nominandi* u bl-ghajnuna tal-Pulizija u Marixxalli tal-Qorti, dan bl-ispejjez ikunu a karigu tal-intimati;

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimati Michelina armla ta' Philip Cilia et li taqra kif isegwi:

1. 'Fl-ewwel lok, l-attur jinhtieglu jipprova l-elementi kollha tal-azzjoni ta' spoll minnu allegata, ossia li huwa kellu l-pussess tal-imsemmija ghelieqi, li l-imsemmi pussess ittiehed minghandu b'mod vjolenti jew klandestin da parti tal-intimati u li l-kawza infethet fi zmien xahrejn mill-allegat spoll;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi senjalat illi mhux minnu li qatt kien hemm xi ftehim li l-hbula immarkati bil-kulur ahmar jigu assenjati lill-attur kif qieghed minnu allegat biss ricentement wara l-mewt ta' Philip Cilia; ghal kuntrarju, l-imsemmija ghelieqi kienu jappartjenu lil u jinhadmu esklussivament minn Philip Cilia, illum mejjet, kif ghandu jigi ippruvat ahjar fil-mori tal-kawza.

3. Illi inoltre, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi ghaliex kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur fuq parti mill-imsemmija art hemm sitwata demmiela u strutturi ohra li jifformaw parti mir-razzett propjeta unikament tal-intimati, gia propjeta' unikament ta' Philip Cilia awtur taghhom, li

tieghu kellhom biss pussess u detenzjoni l-intimati u li ilhom hemm u hekk fil-pussess u detenzjoni esklussiva tal-intimati ghal snin shah.

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet talba tal-attur kif dedotta hija f'kull kaz legalment improponibbli, izjed u izjed f'kawza ta' spoll.
5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu qabel ma nhartu l-hbula in kwistjoni ma kien fihom xejn ghajr haxix hazin, ma hemm xejn x'jigi rintegrat rigward il-wicc tal-ghalqa.

6. Salv risposti ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-attur li sa minn issa jibqa' ngunt in subizzjoni.

**DIKJARAZZJONI GURAMENTATA ta' Michelina armla ta' Philip Cilia IK.I. Nru 639750M), Alessia Cilia (K.I. 218576M) u Anabella Cilia (K.I. Nru 427480M)**
**Jesponu bir-rispett u Anabella Cilia (K.I. 427480M) tikkonferma:-**

1. Illi huwa minnu li r-rikorrenti u l-mejjet Philip Cilia huma wlied id-defunti Emmanuele u Francesca konjugi Cilia.

2. Illi huwa minnu wkoll li l-intimata Michelina Cilia hija l-armla tal-imsemmi Philip Cili waqt illi l-intimati Alessia u Anabella ahwa Cilia huma ulied l-imsemmi Philip Cilia.

3. Illi l-esponenti jidhrilhom li huwa minnu li l-eredita' tad-defunt Emmanuele u Francesca, konjugi Cilia, hija regolata

b'testment pubblikata min-Nutar Dr. Jeannette Laferla tad-9 ta' Mejju 1986 pero sa fejn jiftakru qatt ma raw ricerki testamentarji relattivi u ghalhekk ma jistghux ikunu certi minn dan;

4. Illi dak dikjarat fir-raba paragrafu tad-dikjarazzjoni dwar l-oggett u l-fatti tal-kawza mhux kontestat, salv il-provvedimenti l-ohra tal-istess testament;
5. Illi l-attur jinhtieglu jipprova l-elementi kollha tal-azzjoni ta' spoll minnu allegata, ossia li huwa kellu l-pussess tal-imsemmija ghelieqi, li l-imsemmi pussess ittiehed minghandu b'mod vjolenti jew klandestin da parti tal-intimati u li l-kawza infethet fi zmien xahrejn mill-allegat spoll;

6. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi senjalat illi mhux minnu li qatt kien hemm xi ftehim li l-hbula immarkati bil-kulur ahmar jigu assenjati lill-attur kif qieghed minnu allegat biss ricentement wara l-mewt ta' Philip Cilia; ghal kuntrarju, l-imsemmija ghelieqi kienu jappartjenu lil u jinhadmu esklussivament minn Philip Cilia, illum mejjet, kif ghandu jigi ippruvat ahjar fil-mori tal-kawza.

7. Illi inoltre, l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi ghaliex kuntrarjament ghal dak allegat mill-attur fuq parti mill-imsemmija art hemm sitwata demmiela u strutturi ohra li jifformaw parti mir-razzett propjeta unikament tal-intimati, gia propjeta' unikament ta' Philip Cilia awtur taghhom, li tieghu kellhom biss pussess u detenzjoni l-intimati u li ilhom

hemm u hekk fil-pussess u detenzjoni esklussiva tal-intimati ghal snin shah.

8. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet talba tal-attur kif dedotta hija f'kull kaz legalment improponibbli, izjed u izjed f'kawza ta' spoll.

9. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu qabel ma nhartu l-hbula in kwistjoni ma kien fihom xejn ghajr haxix hazin, ma hemm xejn x'jigi riintegrat rigward il-wicc tal-ghalqa.
10. Illi l-esponenti tiddikjara li taf dan kollu personalment.'.

Rat l-affidavits, xhieda, testment, sitemap mahruga mill-Malta Environment and Planning Authority, pjanta, ritratti, kwerela, rapporti, komparixxi, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tal-24 ta' Jannar, 2017 fuq talba tar-rikorrenti Alfred Cilia il-Qorti nnominat lil Perit Tekniku Godwin P. Abela biex ikompli jigbor il-provi dwar it-talbiet u l-eccezzjonijiet li huma ta' natura teknika;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Alfred Cilia ntavolat nhar il-11 ta' Jannar, 2019 fejn permezz tieghu talab li l-Qorti tawtorizza li l-provi ta' din il-kawza fl-ismijiet premessi sabiex jifformaw parti mill-kawza fl-ismijiet Alfred Cilia et -vs- Michelina l-armla ta' Philip Cilia et bir-rikors guramentat numru 182/2016, rat ir-risposta tal-intimati ntavolata nhar is-26 ta' Frar, 2019 u rat id-digriet tal-Qorti datat 3 ta' Gunju, 2019 (fol. 49) fejn ikkunsidrat li bit-talba odjerna l-attur talab li l-provi li jingabru f'din il-kawza jifformaw parti wkoll mill-kawza Alfred Cilia et vs Michaelina

Cilia et (Rik. Gur. 182/2016) ghaddiet sabiex laqghet it-talba safejn il-provi huma rilevanti ghall-mertu ta' dik il-kawza;

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela pprezentat fl-atti nhar it-18 ta' Dicembru, 2020 u mahluf nhar id-19 ta' Frar, 2021 a fol. 66 et seq tal-process;

Rat l-eskussjoni tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela li saret fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2021 a fol. 112 et seq tal-process;

Rat in-nota tar-rikorrenti Alfred Cilia pprezentata fl-atti nhar il-5 ta' Mejju, 2023 fejn permezz taghha espona li (i) mhux qed jaccettaw id-dokumenti pprezentati fl-ahhar seduta ghar-ragunijiet imsemmija, u (ii) qed jigbdu l-attenzjoni tal-Qorti li huma jehtiegu jikkontroezaminaw lill-intimati, ikun tajjeb li din l-Onor. Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tirrikjama l-kawza ghal data qabel dik tad-29 ta' Frar, 2024 biex jinstemghu x-xhieda hekk kif tordna u tidderiegi l-istess Qorti, biex wara li l-atti kollha jkunu kkompilati, l-partijiet ikunu jistghu jghaddu ghan-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi taghhom, rat ir-risposta tal-intimati Michelina Cilia et intavolata nhar il-11 ta' Awwissu, 2023;

Rat ir-rikors tal-intimati Michelina Cilia et intavolat nhar il-11 ta' Awwissu, 2023 fejn talbu li l-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza sakemm l-ezercizzju mitlub fil-proceduri 182/2016JVC, fl-eventwalita' li t-talba ghall-access tintlaqa, jigi konkluz, rat ir-risposta tar-rikorrenti Alfred Cilia ntavolata nhar il-15 ta' Settembru, 2023;

Rat li fil-verbal tal-31 ta' Ottubru, 2023 il-Qorti rat li r-rikorsi kollha pendenti gew sorvolati permezz tal-verbal fl-atti tal-kawza 182/2016JVC u rat ukoll illi essenzjalment din in-nota tar-

rikorrenti Alfred Cilia tal-5 ta' Mejju, 2023 u r-rikors tal-intimati Michelina Cilia et tal-11 ta' Awwissu, 2023 kienu aktar jirrelataw mal-kawza l-ohra bir-rikors guramentat numru 182/2016JVC billi anke d-dokumenti ndikati fin-nota tar-rikorrenti lanqas huma pprezentati fl-atti ta' din il-kawza;

Rat illi fil-verbal datat 31 ta' Ottubru, 2023 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrent Alfred Cilia jippremetti li huwa flimkien ma' hutu jipposjedu indivizament bejniethom ghelieqi li jinsabu fil-limiti tal-Hrieri, maghrufa wkoll bhala 'Tal-Gizi' f'Haz-Zebbug. Jghid illi dawn l-ghelieqi gew f'idejhom mill-eredita' tal-mejta genituri taghhom Emmanuele u Francesca konjugi Cilia li kienet regolata b'testment datat 9 ta' Mejju, 1986 fl-atti tan-Nutar Jeannette Laferla (fol. 6). Ir-rikorrenti jispjega li permezz ta' dan it-testment il-konjugi Cilia kienu nnominaw bhala werrieta universali taghhom lill-hames (5) ulied u cioe' ir-rikorrenti Alfred Cilia, Philip Cilia – r-ragel tal-intimata Michelina Cilia u missier l-intimati Alessia u Anabella ahwa Cilia, Josephine Muscat, Carmelo u Maria Bonnici lkoll ahwa Cilia. Ir-rikorrenti jsostni li missier il-partijiet kien qasam din l-art mertu tal-kawza f'hames (5) partijiet biex ta parti lil kull wild tieghu pero' ghalkemm il-kontendenti kollha kienu qablu fuq l-assenjazzjoni ta' kull bicca raba, qatt ma waslu sabiex jiehdu l-passi kollha legali necessarji sabiex jaqsmu formalment l-

imsemmija raba' u dan minhabba li Philip Cilia kien qala' hafna nkwiet. Jippremetti li fis-7 ta' Gunju, 2016 jew fil-jiem ta' qabel, l-intimati kienu klandestinament, vjolentement u abbuzivament installaw grada kbira tal-hadid sabiex huwa jigi mbarrat milli jaccedi u jidhol fl-ghelieqi tieghu u jigi prekluz mit-tgawdija tal-istess. Jghid ukoll li l-intimati fl-istess hin qabdu u llegalment qacctu l-haxix tal-wicc tal-ghelieqi msemmija u dan b'dannu ghalih.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti Alfred Cilia pproceda b'din il-kawza fejn talab sabiex jigi deciz u dikjarat li l-intimati wettqu spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tieghu meta cahhduh, ostakolawh u naqsulu l-pussess u t-tgawdija tal-ghelieqi tieghu, liema ghelieqi jinsabu fil-limiti tal-Hrieri maghrufa bhala 'Tal-Gizi u dan permezz tal-installar tal-grada u tax-xogholijiet imsemmija. Talab li jigi ordnat li l-intimati jirrintegraw lir-rikorrenti fil-pussess u fit-tgawdija tieghu tal-imsemmija ghelieqi, billi jirrimwovu, jnehhu, jirrimedjaw, isewwu u/jew jirripristinaw l-ghelieqi suggetti ta' din il-kawza ghall-istat taghhom qabel l-abbuzi, okkorrendo prevja l-opera ta' periti nominandi. Ir-rikorrent talab ukoll li l-Qorti tinibixxi lill-intimati milli jaghmlu jew ikomplu jaghmlu xoghlijiet fl-ghelieqi tar-rikorrenti liema xoghlijiet huma lezivi tad-drittijiet proprjetarji u possessorji tar-rikorrenti. Finalment talab li fin-nuqqas tawtorizzah jezegwixxi u jaghmel l-atti jew ix-xoghlijiet kollha necessarji u rimedjali ghall-fini tat-talbiet kollha, okkorrendo taht is-sorveljanza ta' periti nominandi u bl-ghajnuna tal-Pulizija u Marixxalli tal-Qorti.

Illi l-intimati fl-ewwel lok eccepew illi r-rikorrent jinhtieglu jipprova l-elementi kollha tal-azzjoni ta' spoll minnu allegat ossia l-pussess tal-imsemmija ghelieqi, li l-pussess ittiehed minghandu b'mod vjolenti u klandestin da parte tal-intimati u li l-kawza

infethet fi zmien xahrejn mill-allegat spoll. Minghajr pregudizzju, ssenjalaw li mhux minnu li qatt kien hemm xi ftehim li l-hbula mmarkati bil-kulur ahmar kellhom jigu assenjati lir-rikorrent kif allegat minnu biss ricentement wara l-mewt ta' Philip Cilia u a kuntrarju, l-imsemmija ghelieqi kienu jappartjenu lil u jinhadmu esklussivament minn Philip Cilia, illum mejjet. L-intimati eccepew ukoll illi l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi ghaliex kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti fuq parti mill-imsemmija art hemm sitwata demmiela u strutturi ohra li jifformaw parti mir-razzett propjeta' unikament tal-intimati gja proprjeta' unikament ta' Philip Cilia awtur taghhom, li tieghu kellhom biss pussess u detenzjoni l-intimati u li ilhom hemm u hekk fil-pussess u detenzjoni esklussiva tal-intimati ghal snin shah. Dwar it-tielet talba l-intimati eccepew illi kif dedotta hija legalment improponibbli, izjed u izjed f'kawza ta' spoll. Finalment l-intimati eccepew dejjem minghajr pregudizzju illi in kwantu qabel ma nhartu l-hbula in kwistjoni ma kien fihom xejn ghajr haxix hazin, ma hemm xejn x'jigi reintegrat rigward il-wicc tal-ghalqa.

**<u>Kunsiderazzjonijiet fattwali u legali:</u>**

Illi l-kawza odjerna hija l-hekk imsejha *actio spolii* li hija regolata bl-Artikoli 535 u 536 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdu kif isegwi:

> '535. (1) Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżżgħa mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob, b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

(2) Dan it-tqegħid mill-ġdid fil-pussess jiġi ordnat mill-qorti, wkoll jekk il-konvenut ikun is-sid tal-ħaġa li tagħha l-attur ikun bata l-ispoll.

536. It-tqegħid mill-ġdid fil-pussess fil-każ imsemmi fl-aħħar artikolu qabel dan, ma jneħħix il-jedd tal-eżerċizzju ta' kull azzjoni possessorja oħra li għaliha jkollu jedd kull pussessur.'.

Illi l-awtur **Mazzoni** fil-ktieb tieghu **Istituzioni di Diretto Civili - Volume III, Firenze 1873** iddefinixxa l-azzjoni ta' spoll bhala:

'Essa ha il suo fondamento nella utilità sociale, e tende ad assicurare l'ordine pubblico ed impedire che all'azione della legge e del giudice si surroghi l'azione individuale e la privata violenza.'

Illi dwar l-actio spolii nghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Margherita Fenech -vs- Pawla Zammit** deciza fit-12 ta' April, 1958 illi:

'In tema legali jinghad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat;

L-art.572 (illum 535) tal-Kodici Civili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni publiku, u huwa

inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghaddannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalieh, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P.1, pag.555 tal-Annali tal-Gurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-ligi citata, ma ghandux jigi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol.XXXI.I.296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol.XXI.II.83 P'Awla Civili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs.Cafici, Foro Catanese Vol.1889, pagna 124;u dan biex inghataw xi sentenzi);.....'.

Illi mill-gurisprudenza tal-Qrati taghna jirrizultaw tlett (3) elementi rikjesti sabiex azzjoni ta' spoll privilegjat tirnexxi, u cioe':

i. **Actor docere debet possedisse** – pussess;

ii. **Spoliatum fuisse** – azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur; u

iii. **Infra bimestre deduxisse** – azzjoni ghandha ssir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.

Illi jekk wahda minn dawn l-elementi hija mankanti din l-azzjoni ta' spoll vjolenti u klandestin ma tirnexxix. Hekk difatti nghad

mill-Qorti ta' l-Appell fid-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Tabone -vs- Joseph Flavia sive de Flavia** deciza nhar is-7 ta' Marzu, 1958 illi:

> 'Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat, l-azzjoni taqa' minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra.'.

**<u>Mertu:</u>**

Din il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tezamina l-elementi ta' spoll vjolenti u klandestin applikati ghall-fatti tal-kaz odjern. Il-Qorti tirrileva li hija ser tillimita l-investigazzjoni taghha ghall-provi prodotti fil-process odjern u l-ebda referenza ma ser issir ghall-provi prodotti fil-kawza l-ohra bejn l-istess partijiet bir-rikors guramentat numru 182/2016JVC li titratta kawza ta' divizjoni. Dan qieghed jinghad partikolarment b'referenza ghal dak iddikjarat mill-intimati fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom fil-punt indikat bin-numru 4 u cioe' illi b'digriet tat-3 ta' Gunju, 2019 il-provi prodotti fil-kawza 182/2016 jghoddu wkoll ghall-kawza prezenti. Minn harsa lejn l-imsemmi digriet tat-3 ta' Gunju, 2019 (fol. 49) jirrizulta l-kontra ta' dak iddikjarat mill-intimati u cioe' li l-provi tal-kawza odjerna ghandhom jiffurmaw parti mill-kawza l-ohra ta' divizjoni bir-rikors guramentat 182/2016. Billi fil-process odjern m'hemm imkien iddikjarat li l-provi tal-kawza bir-rikors guramentat 182/2016 jghoddu wkoll fil-kawza odjerna, l-Qorti hija tenuta li tinvestiga unikament il-provi prodotti fil-kawza odjerna u xejn aktar.

**<u>Possedisse:</u>**

Illi l-intimati fit-tieni eccezzjoni eccepew illi mhux minnu li qatt kien hemm xi ftehim li l-hbula bil-kulur ahmar jigu assenjati lir-rikorrenti kif qed jigi allegat biss ricentement wara l-mewt ta' Philip Cilia, ghal kuntrarju, l-imsemmija ghelieqi kienu jappartjenu lil u jinhadmu esklussivament minn Philip Cilia, illum mejjet, kif ghandu jigi ppruvat ahjar fil-mori tal-kawza.

Illi r-rikorrent Alfred Cilia bhala prova tal-pussess tieghu fuq l-art mertu tal-kawza odjerna ressaq affidavits tieghu u ta' martu Miriam Cilia a fol. 76 et seq tal-process. Ir-rikorrent Alfred Cilia fir-dwar il-pussess stqarr illi:

> '8. Nikkonferma li jiena hdimt f'dawn l-ghelieqi li qed insemmi min mindu kelli xi tmien snin jigifieri ghal dawn l-ahhar hamsa u hamsin sena meta missieri kien ha r-raba bi qbiela minghand il-Kurja kif gia semmejt. Nikkonferma wkoll illi meta jien waqaft mix-xoghol tieghi fil-kumpanija li kelli fl-2004, jiena bdejt immur nahdem ir-raba' in kwistjoni tista' tghid kuljum u mieghi kienet tigi wkoll tghini xi ftit marti. Jiena komplejt bix-xoghol agrikolu li kont naghmel qabel jigifieri nizra' l-prodotti, ovvjament naqla' l-istess prodotti, inzomm r-raba nadif u naghmel dak kollu li jkun hemm bzonn.'.

Illi Miriam Cilia fl-affidavit taghha a fol. 81 et seq tixhed illi zewgha r-rikorrenti Alfred Cilia kien jahdem l-ghelieqi bhal jizra hxejjex bhal tadam, basal, tewm, bzar ahdar ful u affarijiet ohra u din l-attivita agrikola tiftakarha ghaddejja ghal ahhar hamsa u ghoxrin (25) sena:

> '5. Zewgi Alfed kien ikun qed jahdem l-ghelieqi bhal jizra' hxejjex bhal tadam, basal, tewm, bzar ahdar, qarabaghli,

qaqocc, ful u affarijiet ohra. Kont narah ukoll jahrat l-ghelieqi u jzommuhom nodfa. Ovvjament kien isaqqi l-hxejjex u s-sigar li kien hemm bhal dawak tal-laring u taz-zebbug. Gieli wkoll kont narah jirranga xi parti mill-hitan li jkunu cedew. F'kelma wahda, zewgi kien jghamel dak kollu mehtieg li jghamel gabillott fl-ghelieqi tieghu.

6. Din l-attivita agrikola da parti ta' zewgi niftakarha ghaddejja ghal dawn l-ahhar hamsa u ghoxrin (25) sena zgur.'.

Ir-rikorrenti Alfred Cilia ressaq ukoll bhala xhieda lil certu Emanuel Vassallo (a fol. 31 tal-process) u John Mary Zammit (a fol. 84 et seq tal-process). Ix-xhud Emanuel Vassallo fl-affidavit tieghu xehed illi huwa kien jifrekwenta l-lokalita' bejn l-1980 sas-sena 2008 u f'dak il-perijodu kien jara lil Alfred Cilia jahdem l-ghelieqi li kienu ta' missieru Emanuel Cilia. In kontro-ezami a fol. 128 et seq tal-process prattikament ikkonferma dak kollu li qal precedentement.

Illi ix-xhud l-iehor John Mary Zammit li xehed ukoll bl-uzu tal-affidavit jghid illi huwa jigi l-kugin tar-rikorrenti Alfred Cilia u ta' Philip Cilia – r-ragel u missier l-intimati. Ix-xhud Zammit jixhed illi wara l-1998 huwa nghata bicca art fl-akwati tar-razzett li kellu qabel, minn Charlie Cilia – hu Alfred Cilia u Philip Cilia u ghalhekk baqa' jmur billi jzomm iz-zwiemel tat-tigrija u jrabbi n-nghag. Ix-xhud qal illi huwa kuljum ikollu jmur f'dik il-bicca raba' fejn ghandu l-bhejjem. Jispjega li sabiex jidhol fl-ghalqa msemmija huwa jrid jghaddi minn quddiem ir-raba' tal-ahwa Cilia u kkonferma li sa Awwissu – Settembru 2015 huwa kien jara lil Alfred Cilia kull jum jahdem ir-raba tieghu u ta' hutu Jessie, Philip, Charlie u Mary billi kien jiehu hsiebhom hu. Il-Qorti tinnota pero'

li dan ix-xhud meta xehed in kontro-ezami (a fol. 124 et seq tal-process) rritratta hafna minn dak li kien xehed u anke ttenta jaghti x'jifhem li l-affidavit ma sarx fuq kliemu. Il-Qorti temmen li dan ix-xhud ghazel li jkun selettiv fix-xhieda tieghu in kontro-ezami u dan ghaliex meta mistoqsi certu domandi huwa kien jaf it-twegiba ghalkemm ghazel li juza kliem sfuggenti bhal meta xehed illi '*Heq imma ma nafx, imma ma xehedtx li jiena naf x'kien qed jaghmel. Heq.*', kif ukoll '*Issa jien naf x'ghamel? Mela jiena, ... Kont narah tila jiena. ... Imma x'kien jaghmel ma kontx naf.*'. Ghalkemm ix-xhud in kontro-ezami ma qalx bi kliem car illi kien jara lir-rikorrenti fl-ghelieqi mertu tal-kawza, dan huwa sottointiz fil-kliem sfuggenti li huwa qal u li anke gie riportat minn din il-Qorti.

Illi minn naha tal-intimati dwar il-pussess xehdet biss l-intimata Alessia Cilia permezz ta' affidavit a fol. 117 et seq tal-process. L-intimata Alessia Cilia effettivament ikkonfermat li kienet saret qasma min-nannu taghha Emanuel Cilia ghalkemm tghid illi missierha biss kien jahdem ir-raba' u r-razzett kienu jghixu fih huma biss. Xehdet:

> '5. Issa, naf (ghax missieri Philip Cilia hekk kien jghid meta kien ghadu haj) li n-nannu qasam din l-art, li kienet mikrija bi qbiela lil uliedu. Missieri messu dik il-parti fejn il-quddiem inbena r-razzett li illum nghixu fih jien, ommi u ohti, u l-familja taghna, u ukoll l-hbula tar-raba li hemm ezattament quddiem ir-razzett ta' fejn ahna noqghodu.
>
> 6. Allura, missieri – u cioe wara li n-nannu kien qasam dan ir-raba – missieri u anke ahna hadna il-pussess esklussiv ta' din iz-zona. Kien missieri biss li kien jahdem ir-raba, u f'dan ir-razzett, konna nghixu ahna biss. Kien ukoll

missieri li bena r-razzett. Nghid ukoll li missieri kien l-uniku bidwi registrat bhala li jahdem dawn il-hbula. ... . . .

8. Issa, wara li miet missieri, konna ahna li bdejna niehdu hsieb dan ir-raba. Konna inqabbdu lin-nies biex dawn jigu jahartu l-art. Nghid li bhala raba, il-habel ta' fuq, fih is-sigar taz-zebbug, tal-laring, tal-lumi u tal-frott. Dawn naturalment niehdu hsieb insaqquom u nizbruhom. U il-habel t'isfel jinharat, u jintuza ghall-qamh.'.

Illi apparti x-xhieda tar-rikorrent u martul-Qorti tqis li ma tistax twarrab ix-xhieda ta' Emanuel Vassallo (a fol. 31 tal-process) u ta' John Mary Zammit (a fol. 84 et seq tal-process) li kkonfermaw li kienu jaraw lir-rikorrenti fl-ghelieqi u anke fir-razzett. Il-verzjoni ta' dawn ix-xhieda tikkontraddixxi l-verzjoni tal-intimata Alessia Cilia li ghalkemm f'nifs tghid illi kienet saret xi tip ta' qasma, fl-istess nifs tghid illi r-raba' u r-razzett dejjem intuza u inhadem unikament minnhom billi messet lilhom.

Illi jikkollabora l-pussess tar-rikorrenti huwa l-fatt illi fl-1 ta' Marzu, 2016 jirrizulta li r-rikorrenti u l-intimati kellu xi diverbju fuq il-post ossia F/H fi Triq il-Hrieri L/O Siggiewi billi fl-atti giet ipprezentata l-komparixxi relatata ma' akkuzi kriminali li gew istitwiti fil-konfront tal-intimati Michelina Cilia u Anabel Cilia (ara komparixxi a fol. 100 tal-process).

Illi kif gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna, hemm il-pussess anke meta dak li huwa spoljat ghandu semplici detenzjoni u l-pussess fl-ispoljat m'ghandux bzonn ikun wiehed ta' zmien twil, izda anke wiehed qasir hafna u sahansitra momentarju huwa sufficjenti. Fil-fehma tal-Qorti r-rikorrenti Alfred Cilia pprova sal-grad rikjest mil-ligi li huwa kellu l-pussess fuq ir-raba' mertu tal-

kawza odjerna ghalhekk l-element tal-pussess gie sufficjentement pruvat.

**<u>Spoliatum fuisse:</u>**

Illi dwar l-element ta' l-spoliatum fuisse gie ritenut mill-awtur **Pacifici Mazzoni** fil-ktieb tieghu **Istituzioni di Diritto Civili** (Volume III (Firenze 1873)) illi vjolenza tikkostitwixxi:

> '…qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volonta dello spogliato.'.

Illi l-att spoljattiv lamentat mir-rikorrenti Alfred Cilia huwa dak li fis-7 ta' Gunju, 2016 l-intimati klandestinament, vjolentement, u abbuzivament installaw grada kbira tal-hadid sabiex ir-rikorrent jigi mwaqqaf milli jaccedi u jidhol fl-ghelieqi tieghu u jigi prekluz mit-tgawdija tal-istess u dwar li l-intimati qabdu u dahlu llegalment fl-ghalqa u qacctu l-haxix tal-wicc tal-ghelieqi.

Illi l-att spoljattiv gie kkonfermat mir-rikorrent Alfred Cilia nnifsu (fol. 76), kif ukoll minn martu Miriam Cilia (fol. 81). Bhala prova ulterjuri tal-att spoljattiv ir-rikorrent Alfred Cilia pprezenta ritratt a fol. 11 tal-process fejn hija kkonfermata l-verzjoni tieghu li ghal bidu kienet twahlet hadida u li huwa xorta kien baqa' jaccedi ghal ghelieqi tieghu billi kien jghaddi minn tahta. Imbaghad ir-rikorrenti Cilia pprezenta ritratti ta' kif tbiddlet il-grada a fol. 79 tal-process billi din saret f'forma ta' rixtellu tal-hadid kbir u li rrestringa l-access tar-rikorrenti kompletament billi ma setghax aktar jghaddi minn taht il-hadida kif kien jaghmel inizjalment. Ir-rikorrent prezenta wkoll kopja tar-rapport li sar mal-Pulizija fir-rigward tal-istess grada (fol. 94) kif ukoll tal-kwerela li ntbaghtet u li fiha ssir referenza ghall-installar tal-grada.

Illi l-intimati da parti taghhom ma jaghmlu l-ebda accenn ghal din il-hadida u sussegwententement tibdil ghal rixtellu. Lanqas l-intimata Alessia Cilia fl-affidavit taghha a fol. 117 tal-process ma taghmel l-ebda accenn ghal allegat spoll. Il-minimu li setghu ghamlu l-intimati huwa li jressqu prova jew almenu jixhdu dwar il-grada u jaghtu l-verzjoni taghhom.

Illi l-Qorti m'ghandhiex dubju dwar l-att spoljattiv billi r-ritratti prodotti mir-rikorrenti huma prova cara u nkonfutabbli tal-vjolenza u l-klandestinita' tal-att li mmaterjalizza inizjalment billi tpoggiet hadida u sussegwentement bit-tibdil ta' din il-hadida f'rixtellu li l-ewwel naqqas mbaghad waqqaf l-access tar-rikorrent ghal ghelieqi tieghu. Ghaldaqstant dan it-tieni element jirrizulta wkoll sufficjentement pruvat.

**<u>Infra bimestre deduxisse:</u>**

Illi dan it-tielet element jikkonsisti li l-kawza trid tigi ntavolata fi zmien xahrejn mill-att spoljattiv. Dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni fl-ismijiet **Georgina Borg -vs- Errol Cassar et** deciza nhar il-21 ta' Ottubru, 2002 qalet illi:

> 'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wiehed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l-azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. rova li trid issir f'kull kaz ta' din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-

parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn.'.

Ir-rikorrenti Alfred Cilia fil-premessi u fid-deposizzjoni tieghu jinsisti li l-att spoljattiv sar fis-7 ta' Gunju, 2016 meta huwa sab hadida orizzontali fid-dahla tal-ghelieqi minn fejn kien jidhol kull jum bil-vettura tieghu. L-intimati Michelina Cilia et fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jittentaw idahhlu dubju meta effettivament sar l-att spoljattiv, billi jaccennaw ghal diversi kontro-ezamijiet fosthom dak ta' Josephine sive Jessie Muscat fejn din stqarret illi l-grada ilha tmien (8) snin li saret u ta' Carmelo Cilia. Kif gja nghad precedentement, la darba fil-process odjern ma giex ivverbalizzat illi l-provi tal-kawza l-ohra 182/2016JVC jghoddu wkoll ghall-kawza odjerna l-Qorti hija tenuta toqghod biss fuq il-provi prodotti f'dan il-process.

Il-Qorti tinnota wkoll illi r-rikorrent Alfred Cilia ftit wara l-att spoljattiv ipproceda bi kwerela datata 13 ta' Gunju, 2016 (a fol. 89 et seq tal-process) u li fiha hemm indika d-data tas-7 ta' Gunju, 2016 bhala d-data tat-twahhil tal-hadida. Ikkunsidrat li fl-atti odjerni fir-rigward id-data tal-att spoljattiv kull m'hemm huwa l-verzjoni tar-rikorrenti u effettivament m'hemm xejn x'jikkontraddici li l-att spoljattiv seta' gara f'data ohra u mhux f'dik tas-7 ta' Gunju, 2016 l-Qorti m'ghandiex ghalhekk minn xiex tiddubita' anzi piuttost tinsab konvinta minghajr dubju li l-att spoljattiv sar fl-imsemmija data tas-7 ta' Gunju, 2016. Ghaldaqstant stante li jirrizulta li l-azzjoni odjerna giet intavolata fit-30 ta' Gunju, 2016 m'hemmx dubju li l-azzjoni giet intavolata fiz-zmien stipulat fil-ligi.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi l-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddeciedi u tiddikjara li l-intimati wettqu spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tar-rikorrent meta cahhduh, ostakolawh u naqqsulu l-pussess u t-tgawdija tal-ghelieqi tieghu, liema ghelieqi jinsabu fil-limiti tal-Hrieri, maghrufa ukoll bhala fil-kontrada tal-Giza, gewwa Haz-Zebbug u dan permezz tal-installar tal-grada u tax-xoghlijiet sussegwenti fuq imsemmija;

3. Tilqa' limitatament it-tieni talba u tordna lill-intimati sabiex fi zmien xahar mid-data li din id-decizjoni tghaddi in gudikat, jirreintegraw lir-rikorrent fil-pussess u fit-tgawdija tieghu tal-imsemmija ghelieqi, billi jirrimwovu, jnehhu, jirrimedjaw, u jirripristinaw l-ghelieqi suggetti ta' din il-kawza ghall-istat taghhom qabel l-abbuzi u b'mod partikolari, tordna li lill-intimati sabiex f'imsemmi terminu ta' xahar mid-data li din id-decizjoni tghaddi in gudikat, inehhu l-istruttura tal-hadid u/jew ta' materjal iehor, ossia l-grada, illi huma wahhlu mal-entratura tal-ghelieqi msemmija b'tali mod li r-rikorrenti jkollu access liberu ghall-istess u jkun jista' jaghmel uzu mill-jeddijiet kollha tieghu skont il-ligi. Tichad it-tieni parti tat-tieni talba stante li ma jirrizultax li bit-tnehhija ta' haxix hazin ir-rikorrenti seta' sofra xi pregudizzju. Tilqa' t-tielet parti tat-tieni talba billi tordna lill-intimati sabiex b'mod immedjat jiddesistu milli jkomplu jaghmlu uzu mill-ghelieqi in kwistjoni u/jew jwettqu xi tip ta' zvilupp fuq l-istess;

4. Tichad it-tielet talba billi mhux f'lokha fil-proceduri odjerni.

5. Tilqa' r-raba' talba u tawtorizza lir-rikorrenti sabiex, fl-eventwalita' li l-intimati jonqsu milli jottemperaw ruhhom mal-ordni ghar-reintegrazzjoni tar-rikorrenti fl-pussess tieghu fit-terminu lilhom prefiss, kif ukoll fl-eventwalita' li l-intimati bl-istess mod jonqsu milli jaghmlu dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali u necessarji ghall-fini tat-talbiet kollha u fil-parametri ndikati fil-paragrafi precedenti, l-istess rikorrenti jezegwixxi u jaghmel l-atti jew ix-xogholijiet kollha necessarji u rimedjali ghall-fini tat-talbiet kollha, billi titnehha l-grada li giet imwahhla u li tillimita l-access tar-rikorrenti u ghal dan il-ghan qieghda minn issa tawtorizza li tali tnehhija tal-grada tista ssir bl-ghajnuna tal-Pulizija Ezekuttiva u bl-ghajnuna ta' Marixxalli tal-Qorti, bl-ispejjez involuti ghal tali assistenza ghandhom ikunu a karigu tal-intimati.

Bl-ispejjez interament a karigu tal-intimati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**30 ta' April, 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**30 ta' April, 2024**